**It-Tlieta 3 ta' Lulju 2012**

# Zona ferrovjarja unika Ewropea ***II

P7_TA(2012)0270

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2012 dwar il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni) (18581/2/2011 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD))**

(2013/C 349 E/20)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fl-ewwel qari (18581/2/2011 – C7-0268/2010),

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Kamra tad-Deputati Lussemburgiża, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' Jannar 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([3]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0475),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0196/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 132, 3.5.2011, p. 99.
([2]) ĠU C 104, 2.4.2011, p. 53.
([3]) Testi adottati tal-16.11.2011, P7_TA(2011)0503.

It-Tlieta 3 ta' Lulju 2012

## P7_TC2-COD(2010)0253

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-3 ta' Lulju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/34/UE.)*

---

# Reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq ***I

P7_TA(2012)0271

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2011)0451 – C7-0205/2011 – 2011/0196(COD))**

(2013/C 349 E/21)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0451),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0205/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tal-5 ta' Ottubru 2011 [2]

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0195/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 43, 15.2.2012, p. 79.
[2] ĠU C 37, 10.2.2012, p. 6.